26 ta' Ottubru, 1953.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

John Cachia ne. *versus* Albino Cordina ne.

**Bastiment — Aġent tal-Vapur — Kaptan — "Ship Chandler" — Użu Lokali.**

*Huwa użu fil-pjazza lokali li meta x-"ship chandler" jiġi mqabbad, jew anki sempliċement rakkomandat, mill-aġent ta' vapur biex*

*jagħmel il-forrituri meħtieġa lil dak il-vapur, allura l-aġent huwa responsabbli di fronti għax-"ship chandler" għall-ammont ta' dawk il-forrituri li jkun ġie mgħoddi mill-kaptan.*

*Jista' jkun hemm każi eċċezzjonali li fihom ix-"ship chandler" jiġi mqabbad direttament mill-kumpannija jew mill-kaptan, u l-aġent ikollu xi dubju dwar is-solvibilità ta' l-armaturi, u jwissi lix-"ship chandler" li hu ma jiggarantix il-ħlas; imma sakemm l-aġent tal-vapur ma jagħmelx dina r-riżerva, huwa jibqa' responsabbli lejn ix-"ship chandler" għall-ħlas ta' dawk il-forrituri.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, wara illi ppremetta illi d-ditta attriċi, bħala "ship-chandler", forniet, b'inkariku tal-konvenut, il-proviżjon u oġġetti oħra indikati fil-kont unit ma' l-att taċ-ċitazzjoni lill-vapur "S.S. Sourya", li kien fil-port ta' Malta, u erogat l-ispejjeż indikati fl-istess kont — għal liema vapur kien aġent ġenerali l-konvenut nomine; talab illi l-istess konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lilu fil-kwalità premessa s-somma ta' £114. 15. 10, prezz ta' provvist u spejjeż, konsenjati u magħmula lill-vapur fuq imsemmi. Bl-interessi kummerċjai mis-7 ta' Ottubru 1952 u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Diċembru 1952;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li qal li hu ma ta ebda inkariku lill-attur biex ifornixxi lill-vapur, imma sempliċement irrakkomandah fuq talba ta' l-istess attur, u fuq din ir-rakkomandazzjoni ġie inkarikat mill-kaptan biex jagħmel *il-forrituri* indikati fil-kont; u għalhekk id-domanda għandha tiġi respinta;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' Ġunju 1953, li biha t-talba ġiet milqugħa, bl-ispejjeż;

Dik il-Qorti kkunsidrat li l-konvenut ma jridx iħallas lill-attur għar-raġuni li hu ma taħx *ix-xogħol*, imma rrakkomandah biss lill-kaptan, u l-Kumpannija għadha ma ħallsitux;

Illi jirriżulta soddisfaċentement pruvat li kien il-konvenut li ta l-inkariku lill-attur, ma jimporta xejn jekk fuq talba ta' l-istess attur, bl-offerta li jaqsmu l-profitti; u f'dan il-każ, u anki, del resto, fil-każ li "ship-chandler" jiġi mill-aġent rakkomandat lill-kaptan, il-prattika hija dik kif jirriżulta

mill-provi testimonjali, li x-"ship-chandler" jithallas mill-aġent mingħajr ma joqgħod jistenna li l-aġent jithallas mill-Kumpannija;

Rat fol. 52 in-nota ta' l-appell tal-konvenut Cordina, u fil-fol. 53 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza appellata tiġi revokata, u d-domanda attriċi respinta; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Ma hux kontrastat illi l-attur ġie rakkomandat bħala "ship-chandler" għall-forrituri lill-vapur, li tiegħu l-konvenut, "ex admissis", kien l-aġent. Il-kont eżibit fol. 7 ġie firmat mill-kaptan;

Dan hu, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, biżżejjed biex jassoda d-dritt ta' l-attur; għax hu użu fil-pjazza lokali li, meta x-"ship-chandler" jiġi mqabbad, jew anki sempliċement rakkomandat, mill-aġent, allura dan hu responsabili vis-a-vis ix-"ship-chandler" għall-ammont tal-kont imgħoddi mill-kaptan tal-vapur. Jista' jkun hemm xi każi eċċezzjonali li fihom ix-"ship-chandler" jiġi mqabbad direttament mill-Kumpannija jew mill-Kaptan, u l-aġent ikollu xi dubju fuq is-solvibilità ta' l-armatur u jwissi lix-"ship-chandler" li hu ma jiggarantilux il-ħlas. Fil-każ preżenti, l-attur ġie rakkomandat mill-konvenut, u l-konvenut ebda riżerva ma għamel li setgħet eskludiet, fil-fattispeċje, l-effikaċja ta' l-użu plateali;

Ta' min iżid li, kif jidher mill-provi u mill-korrispondenza eżibita, il-konvenut, meta rrimetta l-kontijiet lill-Kumpannija fis-somma ta' £550. 7. 0, inkluda fihom anki l-kont ta' l-attur, u in segwitu rċieva bħala akkont "imputabili ġeneralment" is-somma ta' £320. Għalhekk jista' korrettament jingħad li l-konvenut irċieva anki mill-Kumpannija akkont tas-somma reklamata mill-attur — ċirkustanza li, jekk kien hemm bżonn, tkompli tirribadixxi r-responsabilità tiegħu;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-

sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant. Salv favur il-konvenut kull dritt li skond il-provi jista' jkollu, "si et quatenus", kontra l-attur għall-kwota tal-profitti ta' l-operazzjoni jew xort'oħra.